# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar l-Erbgha tnejn u ghoxrin (22) taʼ Marzu 2018**

**Rikors Numru 265/14 FDP**

**Daphne Caruana Galizia (ID 450664M), u fil-11 ta' Jannar 2018 l-atti tar-rikorrent gew assunti minn Dr Peter Caruana Galizia w ulied ir-rikorrenti Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia, wara il-qtil tar-rikorrent permezz ta' bomba li sehh fis 16 ta' Ottubru 2017**.

**vs**

**Dr.Aaron Farrugia**

Il-Qorti:-

Il-Qorti, rat ir-rikors ippresentat fil-5 ta' Awissu 2014 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamlet referenza ghall-pubblikazzjoni illi ttella mill-intimat fuq it-Twitter Account tieghu fit-3 ta' Awissu 2014, talbet lill-Qorti tiddikjara illi tali pubblikazzjoni kienet libelluza u malafamanti fil-konfront taghha u ghalhekk il-Qorti kellha tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Il-Qorti rat it-"tweet" pubblikat fuq it-Twitter Account ta' l-intimat '@farrugiaaaron' imtella fit 3 ta' Awissu 2014 fl-10.25 fejn qal is-segwenti:

> *"€2.5 Miljun f kuntratti lil Daphne/Peter Caruana Galizia u Andrew Borg Cardona mill-gvern nazzjonalista fl-ahhar .... fb.me/1ceEQq5b6"*

Il-Qorti rat illi it-"tweet" fl-interjieta tieghu, illi r-rikorrent qatt ma ppresentat izda ppresenta l-intimat a fol 59 tal-process, kien jghid is-segwenti:

> *"€2.5 Miljun f'kuntratti lill Daphne/Peter Caruana Galizia u Andrew Borg Cardona mill-gvern nazzjonalista fl-ahhar snin. Li jghaqqad dawn il-persuna flimkien mhumiex biss il-kumapnniji li ghandhom bejnieythom izda l-hdura u l-attakki kkordinati 24/7 fuq*

*dak kollu li hu Partit Laburista, linja editorjali wahda kkordinata mill Pieta. Kompli ghamel rapport tat-telfa wara l iehor SB."*

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimat ippresentati fit-22 ta' Settembru 2014 fejn huwa qal is-segwenti:

*Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda stante illi huwa ghamel fuq 'Twitter fit 3 ta' Awissu 2014 ir-rispondent m'ghamel xejn ghajr li rrepeta b'mod konciz dak li kien diga gie ppubblikat tliet gimghat qal fl-ewwel pagna tal-harga tal-gurnal 'Kullhadd' tat-13 ta' Lulju 2014 taht it-titolu 'EUR 800,000 lejliet l-Elezzjoni' (b'ritratt tar-rikorrenti taht l-imsemmi titolu), ghal liema pubblikazzjoni r-rikorrenti ma kienet ghamlet ebda risposta, u ghalhekk certament illi 1-allegazzjoniji fil-konfront tar-rikorrenti ma gabhomx ghall-attenzjoni tal-pubbliku Malti in generali r-rispondent bil-kumment li huwa ghamel fuq 'Twitter' u dan in vista tal-fatt illi –*
*(a) tali allegazzjonijiet, kif fuq imtenni, kienu diga gew pubblikati fl-ewwel pagna ta harga tal-gurnal 'Kullhadd' tat-13 ta' Luliu 2014*

*(b) 1-allegazzjonijiet pubblikati fl-imsemmij harga tal-gurnal 'Kullhadd' tat-13 ta' Lulju, 2014 gew diffuzi mal-pubbliku kollu in generali (mill-ispettru politiku kollu) mill-programmi ta' analizi tal-gurnali li xxandu dakinhar stess (13 ta' Lulju, 2014) fuq I-istazzjonijiet tar-radju u tat-televizjoni (inkluz taz-zewg partiti politici 1-kbar u 1-nazzjonali)*

*(c) tali allegazzjonijiet regghu ngibu a konjizzjoni tal-pubbliku in generali fartikolu iehor li deher fl-ewwel pagna tal-harga tat-3 t'Awissu, 2014 tal-gurnal 'Kullhadd'; u*

*(d) 1-allegazzjonijiet pubblikati fl-imsemmija harga tal-gurnal 'Kullhadd' tat-3 t'Awissu, 2014 regghu gew diffuzi mal-pubbliku kollu in generali (mill-ispettru politiku kollu) mill-programmi ta' analizi tal-gurnali li xxandu dakinhar stess (3 t'Awissu, 2014) fuq 1- istazzjonijiet tar-radju u tat-televizjoni (inkluz taz-zewg partiti politici 1-kbar u 1-istazzjon nazzjonali).*

*Illi ghalhekk, n oltre, relattivament ghall-ewwel talba, stante illi 1-kumment maghmul mir-rispondent fuq Twitter' jirriproduci in succint dak li kien gie rappurtat ghal darba darbtejn mill-gurnal 'Kullhadd' (fil-harga tat-13 ta' Lulju, 2014 u tat-3 t'Awissu 2014) din 1-istess talba, in kwantu dedotta fil-konfront tar-rispondent, ma treeeix 'ghaliex semmai (ghall-grazzja tal-argument u dato ma non concesso) il- malafama lir-rikorrenti inghatat mill-imsemmi gurnal 'Kullhadd' u mhux mir-rispondent u dan tenut kont ukoll tal-fatt illi l-imsemmi gurnal – kif ukoll il-programmi tal-analizi tal-gurnali mxandra fuq diversi stazzjonijeit tar-radju u televizjoni li kkummentaw fuq dak li ghal darba darbtejn kien irrapporta l-imsemmi gurnal – ghandhom udjenza ferm u ferm izjed wiesgha minn dik li ghandu r-rispondenti fuq it-Twitter Account tieghu.*

*Illi, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, il-fatti riportati fil-gurnal 'Kullhadd' u semplicement riprodotti in sintezi mir-rispondenti jidhru li huma sostanzjalment korretti fis-sens illi 1-kumpanija BCGL Services Limited (li taghha, fost l-azzjonisti, hemm ir-ragel tar-rikorrenti) verament hija azzjonista fis-socjeta' Evolve Limited menzjonata fl-imsemmija rapporti pubblikati fil-gurnal 'Kullhadd'.*

*Illi, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, kieku kellha tigi milqughda l-ewwel talba tar-rikorrenti (liema talba r-rispondent itenni illi ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet kollha fuq esposti) ghandu jkun hemm temperament fil- danni li jigi irdnat in vista tas-segwenti:*

*(a)illi r-rikorrenti istitwiet tlett kawzi ta' libell (tnejn minnhom kontra r-rispondent) ghaliex hassitha malafamata minn dak li huwa essenzjalment 1-istess rappurtagg;*

*(b) illi r-rispondent huwa hu stess vittma ta' kampanja sistematika ta' zebligh kondotta mir-rikorrenti fuq il-Blog taghha (kif jista jigi ampjament ippruvat)*

*(c) illi r-rispondent m'ghamel xejn ghajr illi rricikla dak li kien diga ppubblika gimghat qabel u anke dakinhar stess il-gurnal 'Kullhadd';*

*(d) illi t-twitter Account tar-rispondent ghandu udjenza ferm u fermizjed ristretta mill-gurnal 'Kullhadd' illi kien ippublika dawn 1-akkuzi fil-konfront tar-rikorrenti u mill-programmi ta' analizi tal-gurnali li xxandu fit-13 ta' Lulju, 2014 u fit-3 f Awissu, 2014 fuq 1-istazzjonijiet tar-radju u tat-televizjoni (inkluz taz-zewg partiti politici 1-kbar u 1-istazzjon nazzjonali) jikkummentaw fuq dak li kien inkiteb fil-gurnal 'Kullhadd', u ghalhekk dawn 1-akkuzi certament li ma ngibux ghal konjizzjoni tal-pubbliku generali mir-rispondent izda mill-gurnal 'Kullhadd';*

*(e) illi ghandu jinghata wkoll piz ghall-fatt illi r-rispondent gie indott f'sens ta' sigurta li jikteb dak li kiteb bil-fatt illi r-rikorrenti ma kinitx wiegbet ghall-kummenti li kienu saru fil-konfront taghha fil-harga ta' tliet gimghat qabel tal-gurnal 'Kullhadd'; u*

(f) *illi meta kien hemm ribattitu ghal dak li r-rispondent kien ikkummenta dwaru fuq it-Twitter Account tieghu, huwa wassal tali ribattitu ghall-konjizzjoni tal-istess nies illi jsegwu t-Twitter Account tieghu minghajr biss ma kien gie mitlub jaghmel dan.*

Semghet ix-xhieda ta' **Daphne Caruana Galizia** moghtija fis 17 ta' Novembru 2014.

Rat illi fis-seduta tad 29 ta' Jannar 2015, ir-rikorrent iddikjarat illi l-provi kollha migbura fil-kaz 267/14 fl-ismijiet '**Dr Andrew Borg Cardona et vs Dr Aaron Farrugia**' kellhom japplikaw ghal kawza odjerna, u ghalhekk rat ukoll is-segwenti provi prodotti fil-kawza 267/14:

- L-affidavit ta' Dr. Peter Caruana Galizia
- Il-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija BCGL Services Limited
- Licenzja mahruga mill-MFSA
- Kopja estratt mill-Website tal-MFSA
- Il-Memorandum and Articles of Association tal-kumpannija Evolve Limited
- L-affidavit ta' Dr Andrew Borg Cardona

Rat illi fid 29 ta' Jannar 2015 ir-rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Dr Andrew Borg Cardona**, illi saret fil 11 ta' Mejju 2015, li saret fl-atti tal-kawza Avviz Nru 267/14 FDP fuq imsemmija, a fol 39 ta' l-istess process.

Rat illi, fil-25 ta' Gunju 2015, il-partijiet qablu illi, sa fejn applikabbli, x-xhieda moghtija mir-rikorrenti in kontro ezami fil-kawza 264/15 fl-ismijiet '*Daphne Caruana Galizia vs Dr Toni Abela*' kellha tapplika ghal kaz odjern, u ghalhekk rat ix-xhieda in kontro ezami moghtija mir-rikorrenti fil 5 ta' Marzu 2015 fil-kawza 264/14 fl-ismijiet '*Daphne Caruana Galizia vs Dr Toni Abela et*'.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Dr Peter Caruana Galizia moghtija fil 25 ta' Gunju 2015.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Daphne Caruana Galizia moghtija fil 25 ta' Gunju 2015.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimat **Dr Aaron Farrugia** moghtija fit 28 ta' Jannar 2016.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Dr Aaron Farrugia moghtija fil 11 ta' Lulju 2016.

Rat illi fil 11 ta' Lulju 2016 l-intimat iddikjara illi ma kellhux aktar provi x'jippresenta.

Rat fit 12 ta' Settembru 2016 ir-rikorrenti ppresentat is-sottomissjonijiet taghha.

Rat id-dokumentazzjoni ppresentata mill-intimat fl-10 ta' Ottubru 2016.

Rat illi fis 17 ta' Novembru 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza bid-dritt lill-intimat sabiex jippresenta s-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub.

Rat illi fis 6 ta' Frar 2017 il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza stante illi l-meritu tal-kawzi 264/2014 fl-ismijiet '*Daphne Caruana Galizia vs Dr Toni Abela*' u 268/2014 fl-ismijiet '*Dr Andew Borg Cardona vs Dr Toni Abela*' kienu jimpingu direttament fuq l-ezitu tal-kawza odjerna u ghalhekk kien opportun illi l-Qorti tistenna li l-kawza fuq isemmija jithallew ghas-sentenza sabiex il-Qorti tkun tista tippronunzja ruhha fil-kawza odjerna kontemporanjament mal-kawzi fuq imsemmija.

Rat illi fid-9 ta' Novembru 2017, wara illi r-rikorrenti Daphne Caruana Galizia inqatlet permezz ta' bomba imqieghda fil-vettura taghha fis-16 ta' Ottubru 2017, il-kawza thalliet ghall-legitimazzjoni tal-atti.

Rat illi fil 11 ta' Jannar 2018 l-atti tar-rikorrent gew assunti minn Dr Peter Caruana Galizia w ulied ir-rikorrenti Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia.

Rat illi fit 26 ta' Frar 2018 il-kawzi 264/2014 u 268/2014 fuq imsemmija thallew ghas-sentenza u ghalhekk il-kawza odjerna thalliet ghas-sentenza wkoll.

Rat illi, sad-data tas-sentenza, l-intimat ma ressaq ebda sottomissjonijiet bil-miktub.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, l-ewwel u qabel kollox, illi l-kawza odjerna miexja kontemporanjament mal-kawzi **Nru 266/2014**, fl-ismijiet '*Daphne Caruana Galizia vs Dr Aaron Farrugia*' u **Nru 267/14** fl-ismijiet '*Dr Andrew Borg Cardona vs Dr Aaron Farrugia*', illi tirrigwarda l-istess allegazzjonijiet meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta wkoll illi l-kawza odjerna miexja ukoll mal-kawzi **Nru 264/2014**, fl-ismijiet '*Daphne Caruana Galizia vs Dr Toni Abela*' u **Nru 268/14** fl-ismijiet '*Dr Peter Caruana Galizia et vs Dr Toni Abela*', illi tirrigwarda l-artikolu illi jitkellem dwaru l-intimat fil-kummenti minnu maghmulha u meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta illi dawna il-hames kawzi ser jigi decizi kontemporanjament illum stess.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fil-gurnal Kullhadd tat-3 ta' Awissu 2014, permezz ta' artikolu intitolat **'€2.5 MILJUNI F'KUNTRATTI'**, inkiteb artikolu fejn l-artikolis, allega u ta x'jifhem lill-qarrejj ordinarju, fil-faccata ta' l-istess gurnal, illi r-rikorrenti Dr Andrew Borg Cardona u Dr

Peter Caruana Galizia, bhala shareholders ta' kumpannija, kienu bbenefikaw minn madwar €2.5 miljuni f'kuntratti illi gew mghoddija lill tali kumpannija.

Jirrizulta wkoll illi fuq l-istess gurnal tat-3 ta' Awissu 2014, fil-faccata fuq it-titolu ta' l-artikolu, kien hemm ritratt tar-rikorrenti Daphne Caruana Galizia u Dr Andrew Borg Cardona u fuq l-isfond ritratt ikbar bi pakketti ta' flus kontanti fuq zulxin lkoll fid-denominazzjoni ta' hames mitt Euro (€500).

Jirrizulta illi fit-'*tweet'* meritu tal-kawza odjerna, ippubblikat mill-intimat fit-3 ta' Awissu 2014 fl-10.24am fuq it-Twitter Account tieghu, l-intimat jaghmel tieghu l-allegazzjonijiet maghmulha fil-gurnal il-Kullhadd u jzid jghid is-segwenti kummenti:

> *Li jghaqqad dawn il-persuna flimkien mhumiex biss il-kumpanniji li ghandhom bejniethom izda l-hdura u l-attakki kkordinati 24/7 fuq dak kollu li hu Partit Laburista, linja editorjali wahda kkordinata mill Pieta. Kompli ghamel rapport tat-telfa wara l iehor SB.*

Jirrizulta illi, fix-xhieda tieghu, l-intimat sahaq illi huwa ilu fil-qasam politika tal-Partit Laburista sa minn meta kellu tmintax-il sena u, ghalkemm jaccetta illi huwa persuna pubblika w ghalhekk soggett ghall-kritika, ilmenta illi r-rikorrenti attakkatu personalment hafna drabi u kitbet hafna affarjiet sabiex jiskreditawh u jintimidawh.

Jirrizulta ukoll, fix-xhieda ta' l-intimat, illi huwa strah fuq dak illi kien rappurtat fil-gurnal il-Kullhadd tat 3 ta' Awissu 2014, illi kienet kontinwazzjoni ta' storja li dehret tlett gimghat qabel fl-istess gurnal, jigifieri fit 13 ta' Lulju 2014, u hass illi kellu jikkummenta dwaru.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, dwar l-artikolu li dwaru kkummenti l-intimat, ossija l-artikolu illi deher fil-gurnal Kullhadd fit 3 ta' Awissu 2014 intitolat '€2.5 miljuni f'kuntratti', mill-provi prodotti fil-kawzi 264/14 u 268/14 illi qed jigu decizi kontemporanjament mal-kawza odjerna, irrizulta illi s-socjeta BCGL Services Limited, imsemmija mill-artikolist, hija registrata mal-Malta Financial Services Authority bhala '*Trustee'* u toffri '*Fiduciary Services*' lill-klijenti taghha.

Jirrizulta ukoll illi, mill-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta BCGL Services Limited, accessibbli liberament ghand ir-Registry of Companies, illi bhala ghan uniku taghha, hemm indikat is-segwenti:

> *"to act as trustee and to provide fiduciary services as provided for in terms of the Trusts and Trustees Act and to carry out all activities and support services, including butn ot limited toadministrative and consultancy servcies which are ancillary or incidental to the said activites."*

Jirrizulta ukoll, mill-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta Evolve Limited, accessibbli wkoll liberament ghand ir-Registry of Companies, illi s-socjeta Attard & Co (Industrial) Limited ghandha 3,000 sehem tal-klassi 'A' f'tali kumpannija filwaqt illi s-socjeta BCGL Services Ltd ghandha 1,000 sehem tal-klassi 'B' u 1,000 sehem tal-klassi 'C'.

Minn tali Memorandu and Articles of Association, jirrizulta wkoll li Hugh Arrigo huwa indikat bhala Chairman u Direttur tas-socjeta, nominat mill-azzjonisti tal-klassi 'A' filwaqt illi Christopher

Busuttil huwa indikat bhala Direttur tas-socjeta, nominat mill-azzjonisti tal-klassi 'B'. Ir-rikorrent Dr Peter Caruana Galizia huwa indikat bhala Segretarju ta' l-istess kumpannija.

Jirrizulta, finalment, mill-istess Memorandum and Articles of Association, illi s-socjeta BCGL Services Ltd hija indikata li qiegda tagixxi "as trustee" (fol 28).

Jirrizulta, mid-dokumentazzjoni esebita mill-Financial Controller tas-socjeta Evolve Limited, illi ghas-servizzi ta' "Nominee Shareholding", mis-sena 2010 sas-sena 2016 is-socjeta BCGL Services Limited thallset is-somma komplessiva ta' €5,605. (fol 143).

Jirrizulta, finalment, illi r-rikorrenti Daphne Caruana Galizia, ma ghandha x'taqsam assolutament xejn mas-socjeta BCGL Services Limited u wisq anqas mas-socjeta Evolve Limted u l-unika konnessjoni illi ghandha li wassalha sabiex tiddahhal u tissemma fl-artkolu meritu tal-kawza odjerna kien illi hija kienet mart Dr Peter Caruana Galizia.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, in sintezi, fid-difiza tieghu, l-intimat qajjem erbgha linji difensjonali:

1. Illi huwa semplicement irriproduca 'in succint' dak illi kien gie ppubblikat fl-artikoli tat-3 ta' Awissu 2014 u tat-13 ta' Lulju 2014, liema fatt ghalhekk kienu pubblici;

2. Illi l-malafama illi saret lir-rikorrenti, semmai, saret mill-gurnal il-Kulhadd u mhux mill-intimat;

3. Illi l-fatti kif riportati kienu sostanzjalment korretti;

4. Illi r-rikorrenti istitwiet tlett kawzi kontra tieghu u illi huwa vittma ta' kampanja sistematika ta' zebliegh kondotta mill-blog taghha u ghalhekk, tenut kont tal-fatt illi t-Twitter Account tieghu ghandu udjenza ferm u ferm izjed ristretta mill-gurnal Kullhadd, ghandu jkun hemm temperament fid-danni.

**Ikkunsidrat**

Ghalkemm dina l-Qorti ilha tindika x'inhuma l-principji bazilari tal-liberta' ta' l-espressjoni, illi ghalkemm ma tissemmiex espressament mill-intimat, tidher illi hija l-bazi tal-argumentazzjoni kollha tieghu, ikun opportun illi ssir referenza ghal xi insenjamenti.

Fil-kawza deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijet **Axel Springer AG vs Germany** deciza fis-7 ta' Frar 2012, intqal is-segwenti:

> *Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". As set forth in Article 10, freedom of expression is subject to*

*exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly*

Fil-kawza **Lyon v. Daily Telegraph,** Lord Justice Scott jghid is-segwenti:

*The right of fair comment is one of the fundamental rights of free speech and writing which are so dear to the British nation, and it is of vital importance to the rule of law on which we depend for our personal freedom.*

Dwar id-difiza ta' '*fair comment*', f'**Gatley on Libel and Slander** jinghad illi :

*To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni, madanakollu, igib mieghu ukoll obbligi illi ghandhom jigu rispettati wkoll, u il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza Axel Springer tghid:

*However, Article 10 § 2 of the Convention states that freedom of expression carries with it "duties and responsibilities", which also apply to the media even with respect to matters of serious public concern. These duties and responsibilities are liable to assume significance when there is a question of attacking the reputation of a named individual and infringing the "rights of others". Thus, special grounds are required before the media can be dispensed from their ordinary obligation to verify factual statements that are defamatory of private individuals. Whether such grounds exist depends in particular on the nature and degree of the defamation in question and the extent to which the media can reasonably regard their sources as reliable with respect to the allegations.*

Dwar il-bilanc deskritt bhala mill-Qorti fuq imsemmija bhala "*the right to freedom of expression is being balanced against the right to respect for private life*", il-Qrati Maltin ghamlu l-konsiderazzjonijiet taghhom ukoll, u fil-kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, gie osservat korrettement illi :

*dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

## Ikkunsidrat

Jigi osservat, l-ewwel u qabel kollox, illi l-ewwel u t-tieni difza ta' l-intimat huma intrinsikament l-istess, stante illi t-tnejn jishqu illi kull ma ghamel l-intimat huwa irriproduca dak gia miktub fil-gurnal il-Kullhadd u li kien ta' dominju pubbliku.

L-artikolu 24 tal-Kap 248 jghid espressament dak li gej:

> *"Ebda wahda mill-persuni msemmija fl-ahhar artikolu qabel dam ma tista tipprova, b'difiza taghha, li l-kitba hija kopja, hew estratt, jew sommarju, jew traduzzjoni ta' kitba ohra li diga giet stampata jew pubblikata xorta ohra"*

Tali artikolu huwa sufficjenti biex jintwera illi d-difiza imqajjma mill-intimat kif fuq indikat ma jregix.

Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservax illi l-fatt illi wiehed jaghmel tieghu kumment illi ghamel terza persuna, u jaghmel dan b'mod pubbliku u facilment rintraccjabbli, ghandu jitqies bhala li hija prova sufficjenti li turi illi tali persuna qieghed jaghmel bhala tieghu l-kummenti illi huwa ghazel illi jxerred fuq il-mezzi socjali tieghu, u ghalhekk huwa ghandu jinzamm responsabbli ghal dawk il-kummenti;

Il-Qorti tifhem, madanakollu, illi ghandha ssir distinzjoni bejn dak illi jissejjah '*re-tweeting*' fejn wiehed semplicement jiccirkola jew javvanza, ossija kif jinghad bl-Ingliz, "forwards", '*tweet*' ta' persuna illi huwa jkun qieghed jsegwi fuq it-Twitter Account tieghu u jxerridha mall-persuni kollha illi jkunu qed jsegwu lilu, u bejn dak illi jissejjah '*Tweet*', fejn l-awtur ikun kiteb messagg fuq it-Twitter account tieghu u ghaddieh lill kull min jsegwieh.

Dana qieghed jinghad, ghax fir-realtajiet tad-dinja ta' illum, fejn huwa bil-wisq facili illi wiehed jaghmel '*re-tweet*' ta' kumment illi jkun sar minn terza persuna, hija kemmxejn inverosimili u surreali illi kull '*re-tweet*' ghandu jitiqies bhala pubblikazzjoni gdida ai fini tal-ligijiet tal-libell, bir-riskju illi tkun suggett ghall-proceduri ta' malafama u libell.

Dana qieghed jinghad ghax, certament, tali '*re-tweet*' ghandu certament jitqies bhala fil-limiti tad-dritt ta' liberta' ta l-espressjoni, ghalkemm probabilment fl-estrem tal-limiti tad-definizzjoni taghha, stante illi min ikun qieghed jaghmel tali '*re-tweet*' ikun qieghed biss jaqsam ma' ohrajn informazzjoni gia accessibbli ghall-hbieb tieghu u rappurtata fuq il-mezz socjali, u l-Qorti tifhem illi, fis-socjeta ta' llum, fejn l-uzu tal-mezzi socjali u l-computer qieghed isir ferm aktar parti intrisika tal-hajja lokali, tali tip ta' konversazzjoni u mezz ta' espressjoni qieghed gradwalment jirrimpjazza il-konversazzjonjiet tradizzjonali illi jsiru fil-pjazzez jew fil-bars.

Il-Qorti, fl-isfond ta' dina l-osservazzjoni u b'referenza ghall-izvilupp kif fuq deskritt, ma tistax ma taghmilx referenza ghal dak illi qal il-kittieb u filosofu Umberto Eco f'diskussjoni illi ghamel gewwa l-Universita' ta' Turin f'Gunju 2015, meta sahaq is-segwenti kumment meqjus bhala kontroversjali izda realistiku ghall-ahhar:

> *"I social media danno diritto di parola a legioni di imbecilli che prima parlavano solo al bar dopo un bicchiere di vino, senza danneggiare la collettività. Venivano subito messi a tacere, mentre ora hanno lo stesso diritto di parola di un Premio Nobel.* ***È l'invasione degli imbecilli****"*

## Ikkunsidrat

B'kuntrast ghal dak fuq deskritt dwar '*re-tweet*', meta wiehed jghaddi biex jippubblika '*Tweet'*, ossija messagg ta' 280 ittra, huwa qieghed jippubblika l-veduti personali tieghu u qieghed jesprimi ruhu dwar suggett illi huwa liberament jaghzel illi jikkummenta dwaru, u ghalhekk il-Qorti tqis li tali kummenti jistghu ikunu suggetti ghall-azzjonijiet ta' libell u/jew malafama.

Fil-kaz odjern, a differenza ta' dak allegat mill-intimat, it-'*Tweet'* ta' l-intimat ma kienetx biss '*re-tweet*' ta' dak rappurtat fil-gurnal Kullhadd, izda kienet riproduzzjoni tat-titolu tal-artikolu inniffsu b'zieda ta' kummenti personali ta' l-intimat, li minnhom innifishom, huwa distinti u separati mill-artikolu illi dwaru huwa hass li kellu jikkummenta, u li jindikaw il-veduti personali ta' l-intimat stess.

Di fatti, jirrizulta illi fil-kaz odjern, l-intimat ghazel illi jghid illi l-kumpannija illi allegatament irceviet l-flejjes kienet tar-rikorrenti flimkien ma' Dr Andrew Borg Cardona u Dr Peter Caruana Galizia.

Ghalhekk, ma jregix l-argument ta' l-intimat illi huwa semplicement irriproduca dak illi kien gia ppubblikat.

Dana jwassal ghat-tieni linja difensjonali ta' l-intimat, ossija illi l-fatti kienu sostanzjalment korretti.

**Ikkunsidrat**

L-intimat, di fatti, fid-difiza tieghu, jikkontendi illi huwa korrett dak illi l-artikolist tal-Kullhadd jghid meta jipprova jaghti x'jifhem illi r-rikorrenti flimkien ma' Dr Andrew Borg Cardona u Dr Peter Caruana Galizia ibbenefikaw minn dawna l-kuntratti kollha tramite il-kumpannija 'taghhom' Evolve Ltd.

Madanakollu, mill-provi kollha prodotti fil-kawzi 264/14 u 268/14 fuq imsemmija, hareg car illi l-artikolist ma kien kapaci jressaq ebda prova in sostenn ta' tali allegazzjoni.

Mill-banda l-ohra, filwaqt illi hareg car illi r-rikorrenti Daphne Caruana Galizia ma kellha ebda ness mal-operat tas-socjetajiet BCGL Services Limited u Evolve Limited, u li ssemmiet unikament ghax hija mart Dr Peter Caruana Galizia u illi kienet maghrufa bhala "*il-blogger Nazzjonalista*", Dr Borg Cardona u Dr Caruana Galizia wrew illi ghas-servizzi ta' '*Nominee Shareholding*', fuq medda ta' sitt snin is-socjeta tar-rikorrenti, BCGL Services Limited, thallset ftit aktar minn €5,000.

Jidher car, ghalhekk, illi minn dak kollu illi kien allegat fl-artikolu illi l-intimat ghazel li jikkummenta dwaru, ma kien vera assolutament xejn, apparti mill fatt illi hareg car illi r-rikorrent Daphne Caruana Galizia ma kellha ebda konnessjoni mal-allegazzjonijiet, u ssemmiet unikament in ritaljzazzjoni tal-azzjonijiet u blogs taghha li tant kienu jqajmu kontroversja.

Ghalhekk tali allegazzjonijiet certament ma jistghux jitqiesu bhala sostanzjalment korretti.

Kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016.

> *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

**Ikkunsidrat**

L-ahhar difiza imqajjma mill-intimat hija illi huwa safa vittma ta' hafna attakki da' parte tar-rikorrenti permezz tal-blog taghha kif ukoll illi r-rikorrenti ghamlet tlett kawzi kontra tieghu ghall-istess fatt, u ghalhekk id-danni ghandhom jigu temperati fl-ottika ta' dawna s-sottomissjonijiet.

Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi l-Qorti ma tista qatt taccetta bhala skuzanti l-argument illi huwa kien qieghed jigi attakkat mir-rikorrenti u ghalhekk kellu dritt illi jattakkaha lura.

Tali argument huwa wiehed simili ghal dak illi jaghmlu t-tfal fil-primarja meta jkunu qed jiggieldu bejniethom, u wiehed ma jistennihiex bhala linja difensjonali, aktar u aktar meta l-intimat huwa persuna pubblika u Membru tal-Parlament elett unikament sabiex jirrappresenta l-interessi tal-poplu, u ghalhekk suggett ghall-livell ta' skrutinju gholi.

Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservax illi jidher li hija prassi illi zviluppat fl-ahhar snin illi parti leza tiftah hafna kawzi kontra l-istess persuna fuq l-istess fatt. Filwaqt illi tifhem illi kull pubblikazzjoni hija suxxettibbli ghall-azzjoni indipendenti, il-Qorti tifhem ukoll illi illum il-gurnata jesistu varji mezzi socjali differenti illi, madanakollu, ikunu inter-konnessi b'mod illi messagg ppubblikat fuq mezz socjali wiehed jigi awtomatikament ippubblikat fuq il-mezzi socjali l-ohra kontemporanjament, u ghalhekk dana jista jaghti lok ghall-interpretazzjoni li qed issir pubblikazzjoni differenti fuq kull wiehed mill-mezzi socjali.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-ftuh ta' varji kawzi lkoll fuq l-istess meritu kontra l-istess persuna tista titqies bhala azzjoni hekk imsejjha 'SLAPP', jigifieri Strategic Lawsuit Against Public Participation, u dina l-Qorti ma tistax ma tosservax illi tali azzjonijiet jistghu jwasslu ghat-trazzin tal-liberta tal-esprezzjoni u l-protezzjoni taghha, liema dritt il-Qorti ghandha obbligu illi tipprotegi minn kull tip ta' attakk.

**Ikkunsidrat**

Ghal fini ta' danni, apparti il-fatt illi r-rikorrenti intavolat zewgt kawzi differenti fuq l-istess messagg ppubblikat mill-intimat izda fuq zewgt mezzisocjali differenti, ossija Twitter u Facebook, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-intimat, di sua sponte, minghajr ma intalab jaghmel hekk minn hadd, ghazel illi jippubblika fuq it-Twitter Account tieghu stess id-Dritt ta' Risposta illi s-socjeta BCGL Services Limited baghtet lill-gurnal Kullhadd u li gie ppubblikat fl-10 ta' Awissu 2014.

Di fatti, jirrizulta illi l-intimat, fuq it-Twitter Account tieghu, f'data mhux indikata, izda presumibbilment wara il-pubblikazzjoni tad-Dritt ta' Risposta (fol 62), hekk kif ippubblika l-ittra per se, qal is-segwenti:

> *Komplejt insegwi din l-istorja u nemmen li hekk kif ikkummentajt fuq l-artikolu tal-gurnal Kullhadd ftit iktar minn gimgha ilu, hekk ukoll hu gust li ngid id-dritt ta' risposta ghall attenzjoni taghkhom.*

Il-Qorti, hawnhekk, ma tistax ma tosservax illi kien korrett da' parte ta' l-intimat illi jgharraf lis-segwaci tieghu fuq Twitter li kien hemm dritt ta' risposta, u huwa certament tali agir illi ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghat-temperament tad-danni, u mhux l-argumentazzjoni l-ohra imqajjma mill-intimat fid-difiza tieghu.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, finalment, tosserva illi, a differenza ta' dak argumentat mill-intimat, kwalsiasi messagg ppubblikat fuq 'Twitter' ghandu dejjem firxa ta' pubblikazzjoni ferm u ferm akbar minn kull gazzetta pubblikata fuq karta jista qatt ikollha, peress illi tali messagg ma huwiex biss accessibbli lill kull min jsewgi lill-intimat, illi fil-present huma ta' aktar minn 4,000 ruh, izda huwa accessibbli minn kull min ghandu access ghall-Twitter, illi huma miljuni kbar ta' persuni, liema fatt, wahdu, ghandu jwassal lill kull min jaghzel illi jippubblika kummenti fuq sit socjali, aktar u aktar persuna pubblika, illi jizen u jgharbel il-kummenti tieghu qabel ma jippubblikahom, stante illi l-hsara illi tista ssir tkun wahda kbira hafna u, la darba ssir il-pubblikazzjoni, tkun ferm u ferm difficili illi tali pubblikazzjoni titnehha mic-cirkolazzjoni.

Fl-era esistenti illum, fejn is-socjeta giet manipulata mill-hekk imsejjha "social media", illi qed tirrizulta aktar utili bhala ghodda ta' misinformazzjoni u tkattir tal-biza ghal min irid jaghmel il-hsara lis-socjeta ghall-beneficcju personali tieghu milli bhala ghodda biex thaddan l-ghaqda u l-gid tal-bniedem u s-socjeta, kull min qieghed fl-isfera politika, aktar u aktar tkun Membru tal-Parlament, irid ikun ta' ezempju ghac-cittadin illi jeleggieh biex jirrappresentah, u ghandu jassikura li l-mezzi socjali jintuzaw biss bhala ghodda ta' tkattir ta' informazzjoni korretta w gusta, w ghandhom jheggu l'uzu korrett ta' tali ghodda bl-ezempji taghhom. Ic-cittadin jippretendi hafna minghand il-Membri tal-Parlament illi huwa jeleggi, izda dak li zgur ghandu jippretendi minghandhom hija ezempju tajjeb dwar kif ghandhom jintuzaw il-mezzi socjali, biex mhux jintuzaw sabiex titkattar u tizdied il-mibgheda u l-ghejra fost in-nies u tizdied il-polarizazzjoni u disgwid fost in-nies, izda jintuzaw biex jitkattar il-gid u l-paci fosthom, fatt illi, sfortunatement, illum il-gurnata, bil-mod kif qed jizviluppa l-uzu tal-mezzi socjali ta' llum, certament ma jidhirx illi qieghed isir, stante illi llum il-gurnata l-mezzi socjali qed jintuzaw aktar biex jiddestabilizzaw u jkissru s-socjeta milli biex issahhaha u tkabbarha.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi prodotti,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** it-talba attrici, u ghalhekk

**Tiddikjara** t-'tweet' ippubblikat mill-intimat fuq it-Twitter Account tieghu fit 3 ta' Awwissu 2014 fl-10.24 bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat, bhala awtur tal-kitba, ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' elf Euro (€1,000) bhala danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

In vista tad-duplicita' tal-kawzi kif fuq ahjar deskritt, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras -** Deputat Registratur